



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.3.2021
COM(2021) 200 final

2021/0078 (BUD)

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 2
TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2021**

**li jirrigwarda l-finanzjament tar-rispons għall-COVID-19 u li jinkludi perfezzjonamenti
u aġġornamenti relatati mal-adozzjoni finali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...) ¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, kif adottat fit-18 ta' Diċembru 2020 ²,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2021 ³, adottat fis-22 ta' Jannar 2021,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2021.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsimi Indivdwal III huwa disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>).

¹ ĠU L 193, 30.7.2018.

² ĠU L 93, 17.3.2021.

³ COM(2021) 30 final.

Werrej

1.	INTRODUZZJONI.....	3
2.	IL-FINANZJAMENT TAR-RISPONS GĦALL-COVID-19	4
3.	L-AĠENZJI DEĊENTRALIZZATI U L-EPPO	7
3.1.	L-AĠENZJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMM SPAZZALI	7
3.2.	L-AĠENZJA EWROPEA GĦALL-KONTROLL TAS-SAJD.....	7
3.3.	UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW	8
4.	AĠENZJI EŻEKUTTIVI.....	8
4.1.	LI JISTABBILIXXI L-AĠENZJI EŻEKUTTIVI 2021–2027	8
4.2.	IMPATT FUQ L-APPROPRJAZZJONIJIET.....	9
4.3.	IMPATT FUQ IR-RIŻORSI UMANI.....	12
5.	IMPRIŻI KONĠUNTI	13
6.	REACT-EU	14
7.	FORNIMENT MINN QABEL TAL-PROVIŻJONAMENT TAL-EFSD+.....	14
8.	AĠĠUSTAMENTI OĦRA U AĠĠORNAMENTI TEKNIĊI	15
9.	IL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE.....	16
10.	FINANZJAMENT	16
11.	TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP	18

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2 għas-sena 2021 huwa li jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 kif propost fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Inkubatur tal-Awtorità għat-Tħejjija u r-Rispons għall-Emerġenzi tas-Saħħa (HERA)⁴, COVID-19: triq komuni lejn il-ftuħ mill-ġdid sikur u sostnut⁵ u ċ-Ċertifikati Ħodor Digitali⁶, u biex jiġi pprovdut spazju taħt l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza għall-impatt baġitarju potenzjali ta' aktar inizjattivi Ewropej relatati mar-rispons għall-COVID-19. Barra minn hekk, l-ABE jintroduċi l-bidliet tekniċi meħtieġa għall-baġit tal-2021 li jirriżultaw mill-ftehimiet politiċi milħuqa fuq bażijiet legali settorjali wara l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) f'Diċembru 2020⁷, kif ukoll xi aġġustamenti fir-rigward tal-proviżjonament għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

B'mod partikolari, hija tkopri l-elementi li ġejjin:

- It-tisħiħ tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) fil-kuntest tar-rispons għall-COVID-19, għal ammont totali ta' EUR 216,2 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 208,1 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.
- Aġġustamenti newtrali għall-baġit:
 - li jirriżultaw mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' aġenziji eżekuttivi⁸, u d-deċiżjonijiet korrispondenti ta' delega tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-komponenti ewlenin tal-mandat u l-kompiti fdati lilhom⁹;
 - li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti taħt Orizzont Ewropa tat-23 ta' Frar 2021¹⁰, li jistabbilixxi l-komponenti ewlenin tal-mandat u l-kontribut għall-prijoritajiet tal-UE tas-sħubijiet Ewropej il-ġodda mill-2021;
 - għall-ammonti ppjanati minn NextGenerationEU (NGEU) għall-2021 skont il-programm u l-linja baġitarja, biex jirriflettu l-impatt tal-finalizzazzjoni tal-bażijiet legali tal-programmi li se jibbenefikaw minn top-ups tal-NGEU inkluż REACT-EU;
 - li jiżdied il-proviżjonament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD +) fl-2021 b'EUR 700 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn, li għandhom jiġu kkompensati bi tnaqqis korrispondenti fis-snin ta' wara tal-perjodu 2021–2027;
- Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi:

⁴ COM(2021) 78 tas-17.2.2021.

⁵ COM(2021) 129 tas-17.3.2021.

⁶ COM(2021) 130 tas-17.3.2021.

⁷ ĠU L 433, 22.12.2020 p. 11.

⁸ ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9.

⁹ C(2021) 947, C(2021) 948, C(2021) 949, C(2021) 950, C(2021) 951 u C(2021) 952.

¹⁰ COM(2021) 87 final.

- l-aġġustament tat-tabelli tal-persunal tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), kif ukoll it-tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) b'EUR 2 miljun u l-aġġustament korrispondenti tal-pjan ta' stabbiliment tagħha, filwaqt li jitqies l-impatt tal-aħħar żviluppi leġislattivi jew politiċi fuq l-operazzjonijiet tagħhom għall-2021;
- korrezzjoni għal-livell tal-2021 ta' approprjazzjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), wara l-adozzjoni tat-trasferiment DEC1/2020 tal-awtorità baġitarja tal-KESE fl-2020, li kien jiffinanzja minn qabel in-nefqa tal-bini oriġinarjament prevista għall-2021 għal ammont ta' EUR 5,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Barra minn hekk, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament QFP 2014-2020¹¹, qed jiġi propost li fl-2021 jiġi riportat ammont ta' EUR 47 981 598 għal-linja baġitarja tal-FSUE kemm fl-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'dawk ta' pagament, li jikkorrispondu għall-porzjon mhux użat tal-approprjazzjonijiet tal-2020.

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa fil-baġit tal-2021 huwa ammont ta' EUR 260 681 598 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 252 581 598 f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

2. IL-FINANZJAMENT TAR-RISPONS GĦALL-COVID-19

2.1. Ħarsa ġenerali lejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali

Iffaċċjata bi ħtiġijiet urġenti relatati mar-rispons għall-COVID-19 fl-2021, b'mod partikolari biex tiffinanzja l-ħidma preparatorja għaċ-ċertifikati hodur diġitali, issaħħaħ is-sekwenzar permezz tal-Inkubatur tal-HERA, il-monitoraġġ tal-ilma mormi u assaġġi tal-RT-PCR, il-Kummissjoni tipproponi li tuża dan l-ABE Nru 2 biex issaħħaħ l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u l-kontribuzzjoni tal-UE għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) fl-2021, għal ammont totali ta' EUR 216,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 208,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. B'mod parallel, il-Kummissjoni pproponiet trasferiment tal-awtorità baġitarja mir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna f'Emerġenza (SEAR) biex tindirizza l-ħtiġijiet immedjati għall-ESI u l-ECDC, għal ammont ta' EUR 121,5 miljun. It-tqassim tal-ammonti bejn iż-żewġ strumenti baġitarji jiddependi fuq l-urġenza li jinkiseb finanzjament addizzjonali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni identifika ukoll xi sorsi ta' riallokazzjoni fil-baġit attwali, għal ammont ta' madwar EUR 7,5 miljun. Kollox ma' kollox, kif jidher mit-tabella ta' hawn taħt, dan iwassal għal ammont addizzjonali totali ta' finanzjament relatat mal-COVID-fl-2021 ta' EUR 345,2 miljun.

Ammont f'miljuni ta' EUR

Azzjoni	Trasferiment SEAR DEC 5/2021	ABE 2/2021	Finanzjament mill-pakketti eżistenti 2021	Finanzjament totali 2021
Iċ-Ċertifikati Hodur Diġitali	31,0	12,0	3,0	46,0
Assaġġi tal-RT-CPR	31,0	34,0	-	65,0
Sekwenza tal-Inkubatur HERA	46,0	60,0	4,0	110,0

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

Pjattaforma ta' skambju tal-Formola tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri	2,5	-	0,5	3,0
Monitoraġġ tal-ilma mormi	11,0	10,2	-	21,2
Ħtiġijiet emerġenti ulterjuri		100,0		100,0
Totali	121,5	216,2	7,5	345,2

It-tabella ta' hawn taħt turi l-ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali għall-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) fl-2021, għall-parti li għandha tiġi ffinanzjata permezz ta' dan l-abbozz ta' baġit emendatorju.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
06 07 01	Appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni	156 200 000	148 100 000
06 10 01	Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	60 000 000	60 000 000
Totali		216 200 000	208 100 000

2.2. Strument ta' Appoġġ ta' Emerġenza

L-istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI) ikopri ambitu wiesa' ta' azzjonijiet eliġibbli. Ġie attivat fl-2020¹² biex jipprovdi rispons immedjat għat-tifqigħa tal-COVID-19, l-aktar sabiex tappoġġa s-setturi tas-saħħa fl-Istati Membri u tiffinanzja Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem (APAs) f'isem l-Istati Membri kollha mal-manifatturi tat-tilqim.

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħa l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza fl-2021 b'ammont totali ta' EUR 231,7 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn, li minnhom EUR 156,2 miljun f'dan l-abbozz ta' baġit emendatorju. Il-miżuri li għandhom jiġu indirizzati permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza jinkludu b'mod partikolari:

- Ħidma preparatorja biex jiġi stabbilit qafas komuni għal Ċertifikat Aħdar Digitali¹³ tal-istatus tat-tilqim, tal-ittestjar u tal-irkupru tal-individwi, sabiex jiġi stabbilit approċċ fil-livell tal-UE għall-ħruġ, il-verifika u l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19;
- L-iżvilupp, l-evalwazzjoni u l-aġġustament ta' assaġġi ġodda tal-RT-PCR għal kull varjant emerġenti ġdid qabel ma jkunu jistgħu jiġu introdotti, filwaqt li tiġi żgurata biżżejjed kapaċità

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/521 tal-14 ta' April 2020 li jattiva l-appoġġ ta' emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2016/369 u li jemenda d-dispożizzjonijiet tiegħu filwaqt li jqis it-tifqigħa tal-COVID- 19 ĠU L 117, 15.4.2020, p. 3.

¹³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Aħdar Diġitali), COM(2021) 130 tas-17.3.2021.

ta' sekwenzjar fl-Istati Membri, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inkubatur tal-HERA¹⁴;

- Il-monitoraġġ tal-ilma mormi, li wera li huwa strument effettiv, affidabbli u mhux għali biex tiġi identifikata l-preżenza ta' virus. Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar COVID-19: Triq komuni għal ftuħ mill-ġdid sikur u sostnut¹⁵, approċċ komuni biex tiġi stabbilita sorveljanza sistematika tas-SARS-CoV-2 u l-varjanti tagħha fl-ilmijiet mormija fl-UE tippermetti identifikazzjoni bikrija ħafna, li tippermetti l-iskrinjar fost gruppi kbar tal-popolazzjoni sabiex jiġi identifikat fejn hija meħtieġa analiżi aktar dettaljata;
- Aktar ħidma fl-iżvilupp tal-pjattaforma ta' skambju tal-Formola ta' Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri biex jiżdied l-għadd ta' Stati Membri parteċipanti, b'mod parallel mal-istabbiliment ta' bażi legali fil-liġi tal-UE għall-iskambju transfruntier ta' data personali permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Fil-fażi pilota attwali tal-proġett, il-pjattaforma ta' skambju hija teknikament lesta biex tikkonnettja mar-repożitorji diġitali ta' tliet Stati Membri li diġà qed jipparteċipaw.
- Minbarra l-ħtiġijiet ta' finanzjament identifikati f'dan l-istadju, qed jiġi propost li jinholq spazju taħt l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza - għal ammont ta' EUR 100 miljun - għall-impatt baġitarju potenzjali tal-ħtiġijiet emerġenti hekk kif tevolvi l-pandemija. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li n-natura tal-pandemija li qed tevolvi b'mod dinamiku teħtieġ reazzjonijiet ta' politika rapidi li mhux dejjem jistgħu jiġu previsti, li jeħtieġ ukoll li jiġu ffinanzjati fi żmien qasir.

Fil-kuntest tal-proposta leġislattiva għaċ-Ċertifikati Ħodor Diġitali, il-Kummissjoni identifikat il-possibbiltà li tiffinanzja ammont annwali ta' EUR 3 miljun relatat mat-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema mill-Programm Ewropa Diġitali, ladarba l-baży legali tagħha tkun daħlet fis-seħħ. Ammont ieħor ta' EUR 0,5 miljun għall-manutenzjoni tal-pjattaforma ta' skambju tal-Formola ta' Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri sar disponibbli taħt il-linja baġitarja prerogattiva tal-Kummissjoni fil-qasam tat-Trasport fl-2021 (partita baġitarja 02 20 04 01).

L-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mitlub għall-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza fl-2021 (EUR 148,1 miljun) iqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' pagament identifikati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva għall-proposta tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċertifikati Ħodor Diġitali, li minnhom EUR 8,1 miljun se jseħħu fl-2022.

2.3. Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

Il-Kummissjoni tipproponi li iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) jingħata rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri biex jidentifikaw u jimmonitorjaw varjanti ġodda tal-viruses tas-SARS-CoV-2 ("sekwenzar"). L-ilħuq tal-mira ta' 5 % tas-sekwenzjar ġenomiku tat-testijiet pożittivi fl-Istati Membri se jgħin fl-identifikazzjoni tal-varjanti, fil-monitoraġġ tat-tixrid tagħhom fil-popolazzjonijiet, u fl-iskrinjar tal-impatt tagħhom fuq it-trażmissibbiltà. Barra minn hekk, huwa importanti li jiżdiedu r-riċerka u l-iskambju tad-*data* dwar il-varjanti.

L-ECDC diġà stabbilixxa kuntratt qafas ta' emerġenza li jippermetti b'mod partikolari lill-Istati Membri b'kapaċità limitata jew mingħajrha ta' sekwenzjar tal-ġenomi biex jibagħtu kampjuni lil

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill: L-Inkubatur HERA: Nantiċipaw flimkien it-theddida tal-varjanti tal-COVID-19, COM (2021) 78 tat-17.2.2021.

¹⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill: Triq komuni lejn ftuħ mill-ġdid sikur u sostenibbli, COM (2021) 129 tas-17.3.2021.

laboratorju kummerċjali wieħed jew aktar ikkuntrattati mill-ECDC biex jagħmlu sekwenzjar, li għalihom l-ECDC irnexxielu jirrialloka ammont ta' EUR 4 miljun fi ħdan il-baġit attwali tiegħu. Sabiex din il-kapaċità ssir disponibbli b'mod aktar wiesa' għall-Istati Membri kollha, huwa propost li jiġi estiż il-kuntratt qafas tal-ECDC billi tissaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE lill-ECDC fl-2021, għal ammont totali ta' EUR 106 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, li minnhom EUR 60 miljun f'dan l-abbozz ta' baġit emendatorju. Il-kontribuzzjoni msaħħa tal-UE għall-ECDC se tintuża wkoll biex tkopri l-ispejjeż relatati mat-trasport ta' kampjuni virali għas-sekwenzjar, kif ukoll biex tappoġġa l-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri, qabel il-ħolqien tal-Awtorità ta' Tħejjija u Reazzjoni għall-Emerġenzi tas-Saħħa (HERA).

Sabiex l-ECDC ikun jista' jalloka dan l-ammont sostanzjali ta' finanzjament lill-Istati Membri, b'rispett sħiħ tar-regoli finanzjarji, qed jiġi propost li l-persunal tal-ECDC jissaħħaħ b'10 karigi fil-pjan ta' stabbiliment u ħames aġenti kuntrattwali fl-2021, bħala forniment minn qabel taż-żieda fil-persunal tal-2022 prevista għall-ECDC fil-pakkett tas-Saħħa tal-11 ta' Novembru 2020¹⁶. L-ispejjeż stmati tas-salarji ta' madwar EUR 1 miljun huma inklużi fis-EUR 60 miljun mitluba għall-ECDC fl-abbozz ta' baġit emendatorju.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat tal-ECDC hu stabbilita fl-anness baġitarju.

3. L-AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-EPPPO

3.1. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

Wara l-qbil li ntlaħaq mill-Parlament u mill-Kunsill dwar ir-Regolament dwar il-programm spazjali f'Diċembru 2020, qed tiġi proposta żieda fil-persunal għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA), li tikkonsisti f'41 kariga addizzjonali fil-pjan ta' stabbiliment u 11-il Espert Nazzjonali Sekondarji fl-2021, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm Spazjali tal-UE. Ir-Regolament kif maqbul mill-Parlament u mill-Kunsill jagħti kompiti addizzjonali sostanzjali lill-EUSPA, inkluż fir-rigward tal-garanzija tal-kontinwità tas-servizz u l-iżgurar tas-sigurtà tal-infrastruttura u s-sistemi bħal Copernicus, Galileo/EGNOS u l-komunikazzjonijiet bis-satellita. Ir-riżorsi baġitarji addizzjonali relatati se jiġu ttrasferiti lill-EUSPA mil-linji baġitarji tal-programm Spazjali permezz ta' trasferiment awtonomu tal-Kummissjoni mal-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Programm Spazjali.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat tal-EUSPA hu stabbilit fl-anness baġitarju.

3.2. L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd

Wara l-ħruġ tar-Renju Unit, l-EFCA jeħtieġ li twettaq aktar attivitajiet ta' kontroll, kif stabbilit f'aktar dettall f'dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva riveduta. Din iż-żieda fl-ammont ta' xogħol teħtieġ erba' karigi addizzjonali fil-pjan ta' stabbiliment u żewġ aġenti kuntrattwali, kif ukoll żieda ta' EUR 2 miljun fil-kontribuzzjoni tal-UE għall-aġenzija. Il-Kummissjoni biħsiebha tirrialloka EUR 2 miljun oħra mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u l-Akkwakultura (FEMSA), permezz ta' trasferiment awtonomu tal-Kummissjoni. Il-persunal u r-riżorsi addizzjonali se jippermettu lill-EFCA tikri u tiskjera sa żewġ Bastimenti ta' Pattulji Offshore u missjonijiet tal-inġenji tal-ajru fl-ibħra li jmissu mar-Renju Unit. L-Aġenzija se toħloq ukoll sistema ta' informazzjoni unifikata u ċellola ta'

¹⁶ COM(2020) 726.

koordinazzjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat tal-EFCA hu stabbilit fl-anness baġitarju.

3.3. Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Il-qbil li ntlaħaq dwar il-baġit ivvutat għall-2021 kien jinkludi tmien karigi addizzjonali fil-pjan ta' stabbiliment għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Wara konsiderazzjoni mill-ġdid tal-ħtiġijiet, huwa propost li jiġi aġġornat it-tqassim skont il-grupp tal-funzjoni u l-grad ta' dawn it-tmien postijiet fit-tabella tal-persunal.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat tal-EPPO hu stabbilit fl-anness baġitarju.

4. AĠENZJI EŻEKUTTIVI

4.1. Li jistabbilixxi l-aġenziji eżekuttivi 2021–2027

Fit-12 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni¹⁷ li tistabbilixxi l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' aġenziji eżekuttivi, u d-deċiżjonijiet korrispondenti ta' delega tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-komponenti ewlenin tal-mandat u l-kompiti fdati lilhom. Id-data effettiva tad-delega tal-kompiti lill-ġenerazzjoni l-ġdida tal-aġenziji eżekuttivi se tkun l-1 ta' April 2021.

Fl-ittra ta' Emenda Nru 1 għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-2021¹⁸, il-Kummissjoni spjegat għaliex, f'dak iż-żmien, kellha tibbaża s-suppożizzjonijiet relatati mal-ammonti li għandhom jiġu ddelegati lill-aġenziji eżekuttivi fuq il-pakketti tal-programmi ta' nfiq stabbiliti fil-ftehim tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020. Minħabba l-inċertezza madwar l-allokazzjoni ta' dawn il-krediti, ir-rimarki baġitarji dwar il-linji ta' appoġġ tal-aġenziji eżekuttivi fl-Ittra ta' Emenda għadhom ma inkludew l-ebda stima tan-nefqa.

Il-baġit ivvutat għall-2021 ikkonferma s-suppożizzjonijiet għall-aġenziji eżekuttivi kif stabbilit fl-Ittra ta' Emenda. Madankollu, il-ftehim politiku dwar il-QFP 2021–2027 tal-10 ta' Novembru 2020 inkluda żieda sinifikanti fil-baġit ta' sensiela ta' programmi, li huma delegati parzjalment jew kompletament lill-aġenziji eżekuttivi. Dan jikkonċerna b'mod partikolari Erasmus +, Orizzont Ewropa, EU4Health, Ewropa Kreattiva, kif ukoll il-programm taċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri. L-impatt korrispondenti ta' baġits miżjuda li għandhom jiġu ddelegati lill-aġenziji eżekuttivi kien rifless fid-dokumenti li l-Kummissjoni ppreżentat lill-Kumitat dwar l-Aġenziji Eżekuttivi ("il-pakkett CEA") f'Diċembru 2020.

Minn dak iż-żmien l-hawn, żewġ żviluppi oħra kellhom impatt relattivament żgħir fuq id-delega tal-kompiti lill-aġenziji eżekuttivi. L-ewwel nett, il-ftehim politiku li ntlaħaq fil-11 ta' Diċembru 2020 dwar l-allokazzjoni baġitarja interna ta' Orizzont Ewropa mmodifika t-tqassim tal-appropriazzjonijiet

¹⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

¹⁸ COM(2020) 748 final tat-13.11.2020.

u tal-persunal għall-aġenziji li jimplementaw il-programm, sabiex jirrifletti l-ammont ta' xogħol relatat, mingħajr impatt kumplessiv nett. It-tieni, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2021 jirriflettu li d-delega tal-kompiti issa se ssir effettivament fl-1 ta' April 2021, għall-kuntrarju tad-data li kienet mistennija qabel tal-1 ta' Jannar 2021. Id-dewmien fir-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali fl-2021 joħloq iffrankar fir-rigward tal-aġenziji eżekuttivi ta' madwar EUR 8,3 miljun, li jnaqqas il-ħtieġa li jissaħħu l-ispejjeż operattivi tal-aġenziji eżekuttivi permezz ta' dan l-abbozz ta' baġit emendatorju kif xieraq.

4.2. Impatt fuq l-appropriazzjonijiet

Kif stabbilit hawn fuq, il-pakketti ta' appropriazzjonijiet li għandhom jiġu ddelegati lill-aġenziji eżekuttivi fil-perjodu 2021–2027 żdiedu b'mod ġenerali meta mqabbla mas-suppożizzjonijiet użati fl-Ittra ta' Emenda, meta jitqies ukoll id-dewmien fil-bidu tal-operazzjonijiet korrispondenti, b'impatt korrispondenti fuq l-ammont ta' xogħol u l-ħtiġijiet ta' riżorsi fl-aġenziji eżekuttivi fl-2021. It-tabella ta' hawn taħt turi ż-żieda meħtieġa tan-nefqa ta' appoġġ għall-programmi 2021-2027 mill-aġenzija eżekuttiva. L-ammont totali ta' EUR 3 538 850 huwa maqsum f'aktar dettall fl-anness baġitarju. Flimkien mal-ammonti fuq il-linji ta' appoġġ amministrattivi relatati mal-“legat” tal-implimentazzjoni kontinwa tal-programmi 2014-2020 delegati lill-aġenziji eżekuttivi, dan jirrappreżenta żieda ġenerali ta' 1 % fl-ispejjeż operattivi tal-aġenziji eżekuttivi.

L-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa kif ġej:

- L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
01 01 01 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tal-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni minn Orizzont Ewropa	9 967	9 967
02 01 40 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-mekkaniżmu ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli	-91 425	-91 425
08 01 03 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura	-7 038	-7 038
09 01 01 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u Azzjoni Klimatika (LIFE)	-183 656	-183 656
Totali		-272 152	-272 152

- L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
07 01 02 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus	-889 025	-889 025
07 01 04 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura —	881 865	881 865

	Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva		
07 01 05 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Drittijiet u Valuri	2 582 865	2 582 865
Totali		2 575 705	2 575 705

- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u l-Qasam Diġitali

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
01 01 01 73	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea Diġitali u tas-Saħħa — Kontribuzzjoni minn Orizzont Ewropa	-1 801 754	-1 801 754
02 01 23 73	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Diġitali	-318 317	-318 317
02 01 30 73	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm Ewropa Diġitali	-63 623	-63 623
03 01 01 73	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku (inkl. SMEs)	-219 379	-219 379
06 01 05 73	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm l-UE għas-Saħħa	4 508 102	4 508 102
Totali		2 105 209	2 105 209

- Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Innovazzjoni u l-SMEs

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
01 01 01 76	Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs — Kontribuzzjoni minn Orizzont Ewropa	-1 151 442	-1 151 442
03 01 01 76	Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku (inkl. SMEs)	-107 515	-107 515
05 01 01 76	Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni	-138 303	-138 303
Totali		-1 397 260	-1 397 260

- Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
01 01 01 71	Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont Ewropa	302 000	302 000

Totali	302 000	302 000
---------------	----------------	----------------

- L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
01 01 01 72	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka — Kontribuzzjoni minn Orizzont Ewropa	631 865	631 865
20 03 14 72	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka — Kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-programm ta' riċerka għall-faħam u l-azzar u għall-programmi mhux ta' riċerka	-406 337	-406 337
Totali		225 528	225 528

Iż-żieda netta fl-ispejjeż operattivi tal-aġenziji eżekuttivi ta' EUR 3 538 850 hija kompletament ikkompensata bi tnaqqis nett korrispondenti ta' appropriazzjonijiet amministrattivi u/jew operazzjonali għall-programmi li se jimplimentaw. L-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa kif ġej:

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjo nijiet ta' impenn	Appropriazzjo nijiet ta' pagament
01 01 01 03	Nefqa ta' ġestjoni oħra għal "Orizzont Ewropa" — Riċerka indiretta	2 009 364	2 009 364
02 01 30 01	Nefqa ta' appoġġ għall-"Programm Ewropa Diġitali"	63 623	63 623
02 03 03 01	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Diġitali	318 317	318 317
02 20 04 02	Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija	91 425	91 425
03 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tas-Suq Uniku (inkluż l-SMEs)	-102 485	-102 485
03 02 04 01	L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u ta' sikurezza tal-prodotti	210 000	210 000
03 02 06	Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti	219 379	219 379
05 02 01	FEŻR - Nefqa operazzjonali	138 303	138 303
06 06 01	Programm EU4Health	-4 508 102	-4 508 102
07 01 02 01	Nefqa ta' appoġġ għal "Erasmus+"	889 025	889 025
07 05 01	Kultura	-308 653	-308 653
07 05 02	Media	-573 212	-573 212
07 06 02	Il-promozzjoni tal-involvement u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni	-2 582 865	-2 582 865

08 01 03 01	Nefqa ta' appoġġ għall-“Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd”	7 038	7 038
09 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tal-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)”	183 656	183 656
20 01 02 01	Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' rappreżentanza	406 337	406 337
Totali		-3 538 850	-3 538 850

Barra minn hekk, ir-rikavat tal-NGEU għal ammont ta' EUR 6 901 457 huwa allokat għal-linji ta' appoġġ ta' tliet aġenziji eżekuttivi (il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea dwar il-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali) biex ikopri l-ispiża amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-NGEU taħt Orizzont Ewropa fl-2021.

L-anness baġitarju juri wkoll il-kummenti baġitarji aġġornati tal-linji ta' appoġġ amministrattivi tal-aġenziji eżekuttivi rilevanti biex jirriflettu l-appropriazzjonijiet addizzjonali “NextGenerationEU” (“NGEU”) għal Orizzont Ewropa, kif stabbilit fid-dokumenti ppreżentati lill-Kumitat dwar l-Aġenziji Eżekuttivi f'Diċembru 2020.

4.3. Impatt fuq ir-riżorsi umani

Ir-Regolament Nru 58/2003 jirrikjedi li kwalunkwe delega ta' kompiti lil aġenzija eżekuttiva jenħtieġ li tkun kosteffiċjenti u konsistenti mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Kif stabbilit hawn fuq, meta mqabbel mas-suppożizzjonijiet użati fil-baġit invutat tal-2021, l-aġenziji eżekuttivi se jkollhom jiġġestixxu pakketti akbar ta' appropriazzjonijiet operazzjonali b'mod effettiv. Inkluż il-persunal għall-kompiti ta' implimentazzjoni relatati mal-appropriazzjonijiet tal-NGEU, dan jimplika 26 kariga oħra ta' aġenti temporanji u 79 kariga ta' aġenti kuntrattwali, jiġifieri 105 ekwivalenti għal full-time (FTE) fl-aġenziji eżekuttivi fl-2021.

Sabiex tiġi żgurata n-newtralità baġitarja fir-rigward tan-nefqa amministrattiva matul il-perjodu 2021–2027 kollu kemm hu, bħala riżultat tad-delega ta' kompiti addizzjonali tal-ġestjoni tal-programm relatati mal-QFP 2021–2027, il-Kummissjoni se tnaqqas ir-riżorsi umani tagħha biex tpatti għall-persunal addizzjonali fl-aġenziji eżekuttivi. Bl-istess mod, in-nefqa relatata mal-pożizzjonijiet “iffriżati” fil-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Kummissjoni biex jitqies is-sekondar lill-aġenziji eżekuttivi se titnaqqas ukoll skont dan.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-mod li bih il-Kummissjoni tipproponi li tikkumpensa r-riżorsi umani addizzjonali fl-aġenziji eżekuttivi, għall-perjodu 2021–2027 kollu kemm hu u speċifikament għall-2021:

Tpaċija tar-riżorsi umani miżjuda fl-aġenziji eżekuttivi	Riżorsi umani (FTE) 2021	Riżorsi umani (FTE) 2021-2027
Żieda fir-riżorsi umani ta' sitt aġenziji eżekuttivi li jirriżultaw minn aktar delegazzjoni meta mqabbla mal-livell awtorizzat fl-2020	+445	+679
Tnaqqis ta' riżorsi umani taħt l-intestatura 7 li jirriżultaw mid-delega ta' kompiti li bħalissa huma ġestiti mill-Kummissjoni	-31	-58
Tnaqqis ta' riżorsi umani taħt l-intestaturi oħra li jirriżultaw mid-delega ta' kompiti li bħalissa huma ġestiti mill-Kummissjoni	-139	-368

Fl-2021 il-Kummissjoni se tqis l-impatt tad-delega tal-kompiti lill-aġenziji eżekuttivi kif ġej:

- Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea:
 - 20 kariga se jiġu kkompensati mill-pjan ta' stabbiliment tal-Kummissjoni, billi jiġu ffriżati 16-il kariga biex jipprovdu għal sekondar addizzjonali mill-Kummissjoni lill-aġenziji eżekuttivi u billi jitnaqqsu erba' karigi. Barra minn hekk, 11-il aġent kuntrattwali se jitnaqqsu mill-ġħadd ta' persunal estern imħallas taħt il-Pakkett Globali.
 - Il-baġit tal-2021 għas-salarji tal-pjan ta' stabbiliment operattiv diġà jirrifletti l-impatt tal-pakkett ta' delega, peress li t-tnaqqis korrispondenti kien diġà inkluż fl-Ittra Emendatorja 1/2021. L-appropriazzjonijiet amministrattivi korrispondenti tal-Pakkett Globali issa se jitnaqqsu b'EUR 0,45 miljun.
- Riċerka indiretta:
 - 72 kariga se jiġu kkompensati mill-pjan ta' stabbiliment tar-riċerka indiretta tal-Kummissjoni, billi jiġu ffriżati 48 kariga biex jipprovdu għal sekondar addizzjonali mill-Kummissjoni lill-aġenziji eżekuttivi u billi jitnaqqsu 24 kariga. Barra minn hekk, 57 aġent kuntrattwali se jitnaqqsu mill-ġħadd ta' persunal estern imħallas taħt riċerka indiretta. Barra minn dan, b'rabta mal-pakkett ta' delegazzjonijiet preċedenti, 2 karigi ffriżati fuq ir-riċerka se jinħelstu, u b'hekk jitnaqqsu mill-pjan ta' stabbiliment.
 - L-appropriazzjonijiet korrispondenti maħsuba għas-salarji ta' dawn l-uffiċjali u l-persunal estern fil-linji baġitarji rilevanti tar-riċerka indiretta se jitnaqqsu b'EUR 6,9 miljun u EUR 2,4 miljun rispettivament, permezz ta' trasferimenti awtonomi tal-Kummissjoni.
- Riċerka Diretta:
 - 10 karigi se jitnaqqsu mill-pjan ta' stabbiliment tar-riċerka diretta tal-Kummissjoni, li għalihom it-tpaċija meħtieġa għall-pakkett tad-delegazzjoni se titlesta fl-2022.

Il-pjanijiet ta' stabbiliment modifikati huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

5. IMPRIŻI KONĠUNTI

B'segwitu għall-proposta tal-Kummissjoni tas-23 ta' Frar 2021 biex tinholq il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Impriżi Konġunti taħt Orizzont Ewropa¹⁹, huwa propost li jinħolqu l-linji baġitarji korrispondenti taħt ir-raggruppamenti rilevanti tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa (jiġifieri l-partita baġitarja 01 02 02 XX), kif ġej:

- ir-raggruppament 1 "Saħħa" se jiffinanzja l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tas-Saħħa Innovattiva u l-Impriża Konġunta Globali tas-Saħħa Ewropea u l-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw Sħubija għall-Provi Kliniċi 3 (EDCTP3);
- ir-raggruppament 4 "Diġitali, Industrija u Spazju" se jiffinanzja l-Impriża Konġunta għat-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin u l-Impriża Konġunta għan-Netwerks u s-Servizzi Intelliġenti. Dan minbarra l-Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC), li għaliha diġà teżisti linja baġitarja;

¹⁹ Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti taħt Orizzont Ewropa, COM (2021) 87 final.

- ir-raggruppament 5 “Klima, Enerġija u Mobbiltà” se jiffinanzja l-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew 3, l-Impriża Konġunta tal-Avjazzjoni Nadifa, l-Impriża Konġunta Ferrovjarja tal-Ewropa u l-Impriża Konġunta dwar l-Idroġenu Nadif, kif ukoll
- ir-raggruppament 6 “Ikkel, Bijoeconomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent” se jiffinanzja l-Impriża Konġunta Ewropa b’Bażi Bijoloġika Ċirkolari.

Il-linji baġitarji rilevanti huma stabbiliti fl-anness baġitarju. L-appropriazzjonijiet korrispondenti għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lil dawn il-korpi l-ġodda għall-2021 se jibqgħu fuq il-linji baġitarji tar-raggruppamenti rilevanti u se jiġu ttrasferiti b’mod awtonomu hekk kif il-proposta għall-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti tiġi adottata mill-Kunsill.

6. REACT-EU

Wara l-adozzjoni tar-Regolament REACT-EU fit-23 ta’ Diċembru 2020²⁰, qed jiġi propost li jinħolqu żewġ partiti baġitarji ġodda relatati ma’ NextGenerationEU, kif ġej:

- Partita baġitarja ġdida 07 02 07 01 - YEI — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU
- Partita baġitarja ġdida 05 02 05 03 — ETC — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU

7. FORNIMENT MINN QABEL TAL-PROVIŻJONAMENT TAL-EFSD+

Wara d-dewmien fl-adozzjoni tal-bażi ġuridika tal-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u l-ħtieġa konsegwenti li jitlestew iċ-ċikli ta’ programmazzjoni u ta’ proġetti, meta mqabbla mal-baġit ivvutat għall-2021, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-proviżjonament tal-EFSD+ fuq il-partita baġitarja 14 02 01 70 “NDICI — Proviżjonament tal-Fond ta’ Proviżjonament Komuni” b’EUR 700 miljun f’appropriazzjonijiet ta’ impenn, u għaldaqstant tnaqqas il-linji baġitarji ġeografiċi għall-Afrika, l-Asja u l-Ameriki, li jikkontribwixxu għall-EFSD+. Il-livell ta’ appropriazzjonijiet ta’ pagament jibqa’ l-istess. Dan l-aġġustament se jippermetti lill-Afrika, l-Asja u l-Ameriki u l-linji baġitarji ġeografiċi tal-Karibew biex:

- inaqqsu l-livell ta’ appropriazzjonijiet ta’ impenn fl-ewwel snin tal-QFP, u konsegwentement iżiduhom għas-snin ta’ wara, u b’hekk l-appropriazzjonijiet jiġu ssekwenzjati aħjar mal-ipprogrammar u i-ċiklu tal-proġett li għandhom jitwettqu wara d-dħul fis-seħħ tal-bażi legali tal-NDICI;
- jippreżentaw livell stabbli ta’ appropriazzjonijiet ta’ impenn fuq il-linji baġitarji ġeografiċi msemmija hawn fuq minn sena għal oħra, kif kien il-każ taħt il-QFP preċedenti u għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

Meta mqabbel mal-baġit ivvutat għall-2021, l-impatt fl-appropriazzjonijiet ta’ impenn huwa kif ġej:

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2020/2221 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-23 ta’ Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta’ riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta’ implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta’ miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntast tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta’ rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU).

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjoni jiet ta' impenn
14 02 01 70	NDICI — Il-forniment tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni	700 000 000
14 02 01 20	L-Afrika tal-Punent	-206 429 300
14 02 01 21	L-Afrika tal-Lvant u Ċentrali	-149 226 000
14 02 01 22	In-Nofsinhar tal-Afrika u l-Oċean Indjan	-141 764 700
14 02 01 30	Il-Lvant Nofsani u l-Asja Ċentrali	-60 046 350
14 02 01 31	In-Nofsinhar u il-Lvant tal-Asja	-69 595 890
14 02 01 32	Il-Paċifiku	-15 047 760
14 02 01 40	Il-Kontinenti Amerikani	-33 981 430
14 02 01 41	Il-Karibew	-23 908 570
Totali		0

8. AĠĠUSTAMENTI OĦRA U AĠĠORNAMENTI TEKNIĊI

- Ir-rimarki baġitarji huma proposti li jiġu aġġornati biex jirriflettu l-ftehimiet politiċi milħuqa fuq bażijiet legali settorjali wara l-adozzjoni tal-QFP. Il-modifiki korrispondenti huma pprovduti fl-anness baġitarju.
- Taħt l-intestatura 7 “Amministrazzjoni Pubblika Ewropea”, wara l-adozzjoni tat-trasferiment baġitarju ta' approprijazzjonijiet KESE DEC 1/2020 għall-prefinanzjament tal-ispejjeż relatati mar-rinnovazzjoni tal-bini VMA fl-2020, qed jiġi propost li jitnaqqas il-livell ta' approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet tal-kera u ċ-ċnus tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) fl-2021 b'ammont ta' EUR 5 500 000.

Taqsimi VI — Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjo nijiet ta' impenn	Approprijazzjo nijiet ta' pagament
2 0 0 0	Kera	-1 375 000	-1 375 000
2 0 0 1	Pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq simili	-4 125 000	-4 125 000
Totali		-5 500 000	-5 500 000

- Kif indikat fl-Anness 3 tal- “ittra ta' eżegwibbiltà” tal-Kummissjoni trażmessa fil-kuntest tal-Abbozz tal-Baġit 2021, il-Proġetti Pilota PP 03 21 02 “Monitoraġġ tas-sjeda tal-midja” u l-PP 07 20 05 “Monitoraġġ tas-sjeda tal-midja” fl-2021 jirreferu essenzjalment għall-istess proġett. Fil-baġit tal-2021, issa jidher darbtejn; kemm taħt l-intestatura 1 kif ukoll taħt l-intestatura 2b. Il-Kummissjoni tipproponi li tagħmel korrezzjoni teknika u tittrasferixxi l-approprijazzjonijiet tal-2021 tal-PP 07 20 05 (li jammontaw għal EUR 300 000 f'approprijazzjonijiet ta' pagament) mill-intestatura 2b għall-intestatura 1, jiġifieri l-konsolidazzjoni tal-approprijazzjonijiet disponibbli taħt it-Titolu 03 tal-proġett pilota PP 03 21 02.

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjo nijiet ta' impenn	Approprijazzjo nijiet ta' pagament
-----------------	------	----------------------------------	------------------------------------

03 20 01 PP 03 21 02	Proġett pilota — Għodda għall-Monitoraġġ tas-Sjieda tal-Midja		+300 000
07 20 01 PP 07 20 05	Proġett pilota — Għodda għall-monitoraġġ tas-sjieda tal-midja		-300 000
Totali		0	0

- Kif indikat fl-ittra ta' "eżegwibbiltà" tal-Kummissjoni trażmessa fil-kuntest tal-Abbozz tal-Baġit 2021, il-proġett pilota "Internazzjonalizzazzjoni tal-esperjenzi u l-mudelli tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura" ma jistax jiġi implimentat, peress li l-attivitajiet proposti huma diġà koperti mill-baġi legali futuri tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), li jipprevedi li jkopri attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-qasam kulturali u ma' sħab minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi b'liet. Sabiex jiġu żviluppati attivitajiet li jippromwovu l-iżvilupp urban sostenibbli permezz tal-kultura, dan il-proġett jew partijiet minnu jista' jiġi kkunsidrat fil-qafas ta' proġetti futuri taħt l-NDICI. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li tittrasferixxi l-appropriazzjonijiet għall-partita baġitarja tal-NDICI 14 02 02 40 Persuni — Sfidi globali u li tassar il-partita baġitarja 07 20 01 PP 07 21 11.

Ammonti f' EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni nijiet ta' impenn	Appropriazzjoni nijiet ta' pagament
07 20 01 PP 07 21 11	L-internazzjonalizzazzjoni tal-esperjenzi u l-mudelli tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Il-kondiviżjoni ta' mudelli ta' governanza u skambji interkulturali lejn aktar kokreazzjoni u sħubija	-160 000	-40 000
14 02 02 40	Nies — Sfidi globali	+160 000	+40 000
Totali		0	0

9. IL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE

Ammont ta' EUR 47 981 598 tal-allokkazzjoni tal-FSUE għall-2020 ma ntużax sal-aħħar ta' dik is-sena. F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1311/2013, il-Kummissjoni tipproponi li l-ammont sħiħ li jifdal jiġi riportat direttament fuq il-partita baġitarja operattiva 16 02 01 01 tal-FSUE. Se tintuża biex jiġu ssetiljati l-applikazzjonijiet ippreżentati mill-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja b'rispons għall-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020. L-ammont li jifdal ser jiġi ffinanzjat permezz ta' trasferiment ta' awtorità baġitarja (DEC 3/2021) mir-riżerva ta' Solidarjetà u Emerġenza.

L-appropriazzjonijiet relatati jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa tal-QFP 2021-2027.

10. FINANZJAMENT

Għar-raġunijiet stabbiliti fit-taqsimha 2, huwa propost li jiġi pprovdut ammont totali ta' EUR 216,2 miljun għall-prevenzjoni, it-tnejn u r-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 permezz ta' dan l-ABE Nru 2. Minħabba n-nuqqas ta' marġini u lok għal riallokkazzjoni taħt l-intestatura 2b tal-QFP, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Flessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 12

tar-Regolament QFP²¹. B'konsiderazzjoni tat-trasferiment taż-żewġ proġetti pilota mill-Intestatura 2b, kif stabbilit fit-taqsimi 8, l-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2021 huwa mobilizzat f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal ammont ta' EUR 216 040 000 għall-Intestatura 2b Reżiljenza u Valuri.

L-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2021 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2018, fl-2019, fl-2020 u fl-2021 huma stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 836,6 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strument ta' flessibbiltà — profil ta' pagament					
<i>Sena ta' mobilizzazzjoni</i>	2021	2022	2023	2024	Totali
2018	34,2	0,0	0,0	0,0	34,2
2019	135,2	140,9	82,2	0,0	358,4
2020	413,7	66,2	39,9	0,0	519,8
2021	253,5	20,9	10,3	7,6	292,4
Totali	836,6	228,0	132,5	7,6	1 204,7

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjuri 2021 sal-2027, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

11. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

	Baġit 2021 (inkluż ABE 1/2021)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju 2/2021		Baġit 2021 (inkl. ABE 1-2/2021)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	20 816 559 767	17 191 587 232		300 000	20 816 559 767	17 191 887 232
Limitu massimu	20 919 000 000				20 919 000 000	
Marġini	102 440 233				102 440 233	
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	52 861 898 534	66 153 765 904	216 040 000	207 760 000	53 077 938 534	66 361 525 904
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	76 382 534		216 040 000	208 100 000	292 422 534	
Limitu massimu	52 786 000 000				52 786 000 000	
Marġini	484 000				484 000	
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	48 190 516 000	61 867 897 545			48 190 516 000	61 867 897 545
Limitu massimu	48 191 000 000				48 191 000 000	
Marġini	484 000				484 000	
2b. Reżiljenza u valuri	4 671 382 534	4 285 868 359	216 040 000	207 760 000	4 887 422 534	4 493 628 359
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	76 382 534		216 040 000	208 100 000	292 422 534	
Limitu massimu	4 595 000 000				4 595 000 000	
Marġini						
3. Ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent	58 568 566 908	56 804 203 452	2 000 000	2 000 000	58 570 566 908	56 806 203 452
Limitu massimu	58 624 000 000				58 624 000 000	
Marġini	55 433 092				53 433 092	
Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40 367 954 000	40 353 742 883			40 367 954 000	40 353 742 883
Sottolimitu massimu tal-FAEG	40 925 000 000				40 925 000 000	
<i>Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġini</i>						
Trasferimenti nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR	557 046 000				557 046 000	
<i>Bilanċ nett disponibbli għall-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	40 367 954 000				40 367 954 000	
Sottomarġini tal-FAEG						
4. Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri	2 278 829 759	2 686 245 978			2 278 829 759	2 686 245 978
Limitu massimu	2 467 000 000				2 467 000 000	
Marġini	188 170 241				188 170 241	
5. Sigurtà u Difiża	1 709 261 441	670 628 243			1 709 261 441	670 628 243
Limitu massimu	1 805 000 000				1 805 000 000	
Marġini	95 738 559				95 738 559	
6. Il-Viċinat u d-Dinja	16 097 196 204	10 810 999 356	160 000	40 000	16 097 356 204	10 811 039 356
Limitu massimu	16 247 000 000				16 247 000 000	
Marġini	149 803 796				149 643 796	
7. L-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	10 448 313 002	10 449 588 091	-5 500 000	-5 500 000	10 442 813 002	10 444 088 091
Limitu massimu	10 635 000 000				10 635 000 000	
Marġini	186 686 998				192 186 998	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	8 035 824 720	8 037 099 809	-5 500 000	-5 500 000	8 030 324 720	8 031 599 809
Sottolimitu	8 216 000 000				8 216 000 000	
Sottomarġini	180 175 280				185 675 280	

Appropriazzjonijiet għall-intestaturi	162 780 625 615	164 767 018 256	212 700 000	204 600 000	162 993 325 615	164 971 618 256
<i>Limitu massimu</i>	<i>163 483 000 000</i>	<i>166 140 000 000</i>			<i>163 483 000 000</i>	<i>166 140 000 000</i>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	<i>76 382 534</i>	<i>628 462 086</i>	<i>216 040 000</i>	<i>208 100 000</i>	<i>292 422 534</i>	<i>836 562 086</i>
<i>Marġini</i>	<i>778 756 919</i>	<i>2 001 443 830</i>			<i>782 096 919</i>	<i>2 004 943 830</i>
Strumenti tematiki speċjali	5 715 667 000	5 538 282 000	47 981 598	47 981 598	5 763 648 598	5 586 263 598
Total tal-appropriazzjonijiet	168 496 292 615	170 305 300 256	260 681 598	252 581 598	168 756 974 213	170 557 881 854